MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2008

Appell Kriminali Numru. 402/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Tyron Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Tyron Mifsud talli fit-30 ta' Ottubru 2005 ghall-habta ta' 17.30 hrs. fi Triq Ghajn Dwieli, Paola:

(1) Ghamel uzu jew saq vettura minghajr dwal tal-brejkijiet;

(2) Saq il-vettura msemmija minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);

(3) Ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Tyron Mifsud jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta' Novembru 2006, li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat l-ewwel imputazzjoni preskritta u lliberat lill-imsemmi Tyron Mifsud mit-tieni u mit-tielet imputazzjonijiet;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ddikjarat l-ewwel imputazzjoni preskritta u thassarha fil-kumplament, issib htija fuq it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u tinfliggi l-piena skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semgjhet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat minghajr ma tat kaz tal-fatt li l-ufficjal tad-Direttorat tal-Licenzji kien specifiku dwar l-identita` ta' l-appellat kif kien ukoll P.C. 1391 Ian Grech li identifika lill-appellat minkejja zball fl-eta`. Tali zball ma kienx wiehed li jwassal ghal dubju dettat mir-raguni.

Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Din il-Qorti semghet mill-gdid ix-xhieda u jirrizulta s-segwenti.

**Christopher Darmanin**, rapprezentant ta' l-ufficcju tal-licenzji u testijiet tal-vetturi, xehed illi l-vettura EAP-415 ta' l-ghamla Fiat Uno ta' lewn blu hi registrata f'isem Alfred

Mifsud mill-Kalkara, I.D. 613545M. Il-licenzja taghha ghalqet fil-31 ta' Mejju 2004 u sa dakinhar li kien qieghed jixhed (il-15 ta' Gunju 2007) kienet ghadha ma gietx rinnovata.

**P.C. 1391 Ian Grech** xehed illi fit-30 ta' Ottubru 2005 kien qieghed jaghmel *spot checks* go Triq Ghajn Dwieli, Rahal Gdid u waqqaf il-vettura EAP-415 tal-marka Fiat Uno li kienet tiela' min-naha ta' Bormla misjuqa minn Tyron Mifsud ta' dsatax-il sena, I.D. 46486M, imwieled tal-Pieta`. Huwa sab li l-vettura ma kellhiex licenzja aggornata sa minn Mejju 2004, li ma kenitx koperta bl-assikurazzjoni u inoltre ma kellhiex *brake-lights* jixghelu. Ix-xhud qal li Tyron Mifsud stess qallu li ma kellux assikurazzjoni. Ix-xhud qal li talab lil Tyron Mifsud igib *tow-truck* sabiex jiehu l-vettura gol-garaxx tieghu. Huwa identifika lil Tyron Mifsud bhala l-appellat prezenti fl-Awla. Tyron Mifsud imbaghad telaq mat-*tow-truck*.

Jidher li l-appellat gie lliberat mill-ewwel Qorti peress illi P.C. 1391 Ian Grech xehed quddiemha li Tyron Mifsud kellu hmistax-il sena. Difatti jirrizulta li fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2006 id-difiza vverbalizzat dan il-fatt u dik il-Qorti qablet mad-difiza f'dar-rigward. Mill-banda l-ohra l-prosekuzzjoni vverbalizzat li P.C. 1391 kien "gharaf lill-imputat u zammu milli jsuq il-vettura msemmija". Jigifieri nonostante li P.C. 1391 irrefera ghal Tyron Mifsud bhala li kellu l-eta` ta' hmistax-il sena, jirrizulta li huwa <u>identifika pozittivament</u> l-appellat (allura imputat) bhala l-persuna li kien waqqaf isuq il-vettura EAP-415. Ma jirrizultax jekk, meta P.C. 1391 xehed quddiem l-ewwel Qorti, irreferiex wkoll ghan-numru tal-karta ta' l-identita` ta' Tyron Mifsud, izda jekk ma kienx ghamel hekk certament l-ewwel Qorti setghet tivverifika l-konnotati billi terga' ssejjah lil P.C. 1391. Pulizija li jkun qieghed jaghmel *spot checks* ikollu n-note-book tieghu fejn inizzel dak il-hin id-dettalji ta' dawk il-kazijiet fejn jidhirlu li jkun hemm xi ksur tal-ligi. Invarjabbilment ukoll tintalab lill-persuni koncernati l-karta ta' l-identita` taghhom sabiex jigi registrat in-numru. Fi kwalunkwe kaz, P.C. 1391 xehed mill-gdid quddiem din il-Qorti u ghal darb'ohra identifika pozittivament lill-appellat

bhala l-persuna li waqqaf fit-30 ta' Ottubru 2005 meta dan kien qieghed isuq il-vettura msemmija.

Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata, tikkonfermaha in kwantu ddikjarat l-ewwel imputazzjoni preskritta, izda tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-imsemmi Tyron Mifsud hati tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u lliberatu minnhom u minflok tiddikjarah hati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 u l-artikolu 3(1)(2)(2A) tal-Kap. 104, tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elfejn tliet mija disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37) u tiskwalifikah mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perijodu ta' sitt xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------